



# Kont taf li...

*Is-Sur Silvio Cassar*

Hu żmien sabiħ li f'jiem il-festa ta' Santa Marija li tiġi ċċelebrata fil-Mosta, nagħtu ħarsa ħafifa lejn r-Rotunda u dak marbut magħha. Qed nagħti storja ħafifa u norbot id-dati wkoll ħalli flimkien ninnotaw kemm ilhom li saru fil-komunità li aħna ngħixu fiha.

## 400 sena ilu

400 mitt sena ilu twaqqfet il-Fratellanza tar-Ruzarju eżattament fil-11 ta' Frar 1612. Din il-Fratellanza kienet minn tal-bidunett tant li qabilha jingħad kien hemm biss tas-Sagrament li twaqqfet meta l-Mosta sar parroċċa fl-1608. Il-fratellanzi kellhom sehem importanti matul iż-żminijiet għax kienu ta' għajnuna u wens bejn il-membri tal-istess grupp.



## 370 sena ilu

L-istess Fratellanza tar-Rużarju tagħmel l-istatwa tar-Rużarju fis-sena 1742 għand Mastru Pietru Pawl Zahra tal-Isla. Din l-istatwa kienet ukoll tintuża fil-purċissjoni ta' Santa Marija sakemm fl-1868 saret l-istatwa ta' Santa Marija.





## 335 sena ilu

Stefano Erardi kien lesta l-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura fis-sena 1677. Dan kien fil-Knisja l-qadima imma l-Mostin għarfu li kapolavur bħal dan għandu jibqa' jitgawda minna llum u għamluh fir-Rotunda. S'intendi mertu jmur ukoll lejn ir-restawratur għax kellu jkabbru fid-daqs u għamel xogħol tajjeb ħafna.



## 315 sena ilu

Il-Via Sagra ġiet imbierka mill-Frangiskan Patri L. P. Ferdinando meta kienet għadha teżisti l-knisja l-qadima. B'xorti tajba, il-Mostin ta' dak iż-żmien ħasbu sabiex dawn il-kwadri sbieħ jibqgħu jżejnu l-knisja l-ġdida wkoll li kienu bnew. Fil-bidu tas-seklu 20, saru gwarniċi ġodda b'xogħol ta' Antonio Agius.

## 125 sena ilu

Il-Parroċċa tal-Mosta jkollha l-ewwel Arċipriet li kien Dr Pawl Xuereb li ħa l-pussess f'Lulju 1887. Dan l-ewwel Arċipriet jibqa' magħruf ukoll li bit-tħabrik tiegħu saret






il-lanterna tar-Rotunda.

Fl-istess sena, imut Mastru Salv Dimech imlaqqam is-Sartx, l-iskultur li skolpa fl-injam l-istatwa oriġinali ta' Santa Marija fl-1868.

## 110 sena ilu

Il-lampier tal-fidda tal-artal maġġur sar fl-1902 b'ħidma ta' Dun Anġ Camilleri li kien prokoratur tal-istess Rotunda. Dan inħadem mid-ditta Tanfani ta' Ruma fuq disinn ta' Robert Caruana Dingli.



F'dik is-sena stess kienu żżanżnu is-sitt linef li nsibu fil-knisja għall-festi ta' Santa Marija li swew madwar £215. Dawn kienu nġabru minn Dun Anġ Camilleri.

## 80 sena ilu

Il-pulptu sar fl-1932 fuq disinn ta' Karmenu Tonna tar-Rabat. L-iskultura tad-dawra saret minn Ċensu Apap.



## 70 sena ilu

Id-9 ta' April 1942, bomba nifdet il-koppla tar-Rotunda. Fil-knisja kien hemm miġbura ġemgħa kbira ta' nies, madwar tliet mitt ruħ li kienu qed jieħdu sehem fl-adorazzjoni. Il-ħin kien l-4.30pm u f'daqqa waħda jinstema' ħoss tal-biża' u parti mill-koppla ġġarrfet minn bomba ta' madwar 100 libbra. Il-bomba nifdet l-irqaq parti tal-koppla li fiha sitt piedi ħxuna, ħabtet ma' waħda mil-lunetti ta' Ġużeppi Calì u nstabtet mal-art u tgerbet fuq il-paviment sa ħdejn il-pulptu u waqfet hemm. Bl-interċessjoni u bi grazzja tal-Madonna, din il-bomba ma sploditx.

Wara l-ħsarat kbar li għamlet il-bomba fil-koppla, Mastru Salvu Zahra daħal għax-xogħol tat-tiswija tal-koppla. L-imgħallem Zahra kien ġa wera l-kapaċità tiegħu żmien qabel b'disinn mill-isbaħ għas-saqaf tar-Rotunda minn ġewwa.

## 60 sena ilu

Għall-festa tal-Assunta tal-1952 kien tlesta minn kollox id-damask tal-ħarir magħruf aktar bħala tal-palma li kien sewa madwar £m6,000 u sar bit-tħabrik tal-Arċipriet Dun Pawlinu Galea. Dan ix-xogħol fuq id-damask kien beda jiżżanżan għall-festa tal-1950 sakemm 60 sena ilu, wieħed seta' jara għall-ewwel darba r-Rotunda tħammar bil-libsa l-ġdida tal-festa. F'dik is-sena, ir-Rotunda nżebgħet mill-ġdid u tkompla l-irħam maz-zoklatura tal-knisja.

## 55 sena ilu

Il-bankun tal-bradella ta' Santa Marija żżanżan fil-festa tal-1957 fuq disinn ta' Karmenu Tonna tar-Rabat (Malta) u x-xogħol sar mill-mastrudaxxi Ġużeppi Tonna u Ġanni Agius. L-erba' panewijiet u t-tmien statwi tal-bronż inħadmu f'Ruma mill-iskultur Carlo Pisi. Din l-opra swiet £m 4,000.

Filwaqt li nawguralkom il-festa t-tajba, nispera li dawn il-ftit anniversarji jġibulkom quddiem għajnejkom x'teżori u minn xiex għaddiet ir-Rotunda tal-Mostin.

---

*Referenza:*
*Il-Mosta: Ġrajjietha u Niesha. Editur – Frans Deguara.*